MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. DEMICOLI AUDREY

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1023/2002/1

**Avviz Numru 1023/02 AJD**
**Waterfront Hotel Limited**

**vs**

**Sahara Air Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm590.65) rappresentanti prezz ta' akkomodazzjoni provduta lill-istess socjeta' jew fuq struzzjoni taghha. Bl-imghaxijiet mit-22 ta' Novembru 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kollha kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata, baqghet ma dehritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Louis Thompson, in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna llis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ hames mija u disghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm590.65), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**